MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2997/2002

**Easysell Kia (Malta) Ltd**
**vs**
**Anthony Bartolo**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm1363.70 (elf, tlett mija u tlieta u sittin lira Maltin u sebghin centezmu) rapprezentanti import ta’ kambjali li skadew, kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smiegh ta’ l-kawza.

Is-socjeta’ attrici talbet ukoll illi l-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallas l-imghaxijiet legali fuq dawn il-kambjali b’dan illi s-somma totali dovuta mill-konvenut a favur tas-socjeta’ attrici m’ghandhiex teccedi s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Carole Zammit Montebello tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu ma thallasx.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ elf tlett mija tlieta u sittin Lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1363.70) bl-ispejjes u bi-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------